MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 677/2003

**Joseph Borg Limited**

**Vs**

**Mark Briffa**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf u tmienja u tletin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm1038.76), li minnhom Lm443.03 jirraprezentaw bilanc ta' prezz minn somma akbar ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata, Lm595.73 bilanc minn import ta' zewg cekkijiet u li ma kienux gew onorati.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta gie debitament notifikat bl-avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u ma deherx ghas-seduti.

Semgha x-xhieda ta' Liberato Pace in rapprezentanza tas-socjeta attrici.

Ra d-dokumenti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf u tmienja u tletin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm1038.76), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------